MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1310/1993/1

**Emanuel Degiorgio**

**Vs**

**Ivan Falzon bhala Chairman ghan-nom u in rappprezentanza ta' Kalaxlokk Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-5 ta' Ottubru, 1993, li in forza taghha, wara li ppremetta illi;

L-attur ilu impjegat tas-socjeta' konvenuta u matul l-perkors tax-xoghol, dejjem fuq ordnijiet tas-superjuri tieghu huwa korra darbtejn.

Huwa wega l-ewwel fit-18 ta' Settembru, 1991 fl-irkoppa tal-lemin tieghu b'mod li giet kagunata lilu dizabilita' ta' natura permanenti.

Fis-26 ta' Marzu, 1992 huwa wegga ukoll billi gie mibghut jnizzel xi affarijiet f'gibja u ceda t-tarag b'mod li huwa kiser l-ghadma ta' daru u la jista' jpoggi sewwa u anqas jista' joqghod bil-wieqfa fit-tul u ghalhekk ma jistax jahdem ix-xoghol li kellu qabel.

Dawn l-incidenti ikkagunawlu danni kbar u konsiderevoli u r-responsabbilita' ta' dawn l-incidenti hija unikament tal-konvenut *nomine* li ma hax il-mizuri kollha sabiex jassigura li l-post tax-xoghol huwa nieqes mill-perikolu ghal min jhaddem mieghu kif ukoll minhabba organizzazzjoni hazina tax-xoghol *da parti* tal-konvenut *nomine*.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Jigi dikjarat unikament responsabbli ta' l-incidenti industrijali li graw fil-18 ta' Settembru, 1991 u fis-26 ta' Marzu, 1992 li fihom korra l-attur.

2. M'ghandhux jigu hekk likwidati d-danni sofferti mill-attur *okkorendo* b'nomina ta' periti nominandi.

3. M'ghandhux jigi kkundannat jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-gurnata tal-incident kif ukoll tal-ispejjez tal-ittri ufficjali datati 24 u 25 ta' Awissu, 1993 l-konvenut *nomine* huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. Mir-*records* tas-socjeta' konvenuta ma jirrizultax illi l-attur wegga' fuq il-post tax-xoghol fit-18 ta' Settembru, 1991.

2. Rigward l-incident tas-26 ta’ Marzu, 1992 is-socjeta’ konvenuta ma kienetx responsabbli ghall-imsemmi incident u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-attur;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Marzu, 1994, li in forza taghha inhatret Dr. Doreen Clarke bhala perit legali sabiex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Gunju, 1995, li in forza tieghu hatret ili Mr Frederick Zammit Maempel bhala perit mediku biex jasisti lill-perit legali;

Rat ir-rapport ta’ Mr Frederick Zammit Maempel minnu pprezentat fl-20 ta’ Frar, 1997, u mahluf fit-28 ta’ Mejju, 1997;

Rat id-digriet ulterjuri ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Novembru, 1998, li in forza tieghu rrevokat l-inkarigu tal-perit mediku u ssostitwit ghalih bl-istess inkarigu lil Mr Charles Grixti;

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Doreen Clarke minnha pprezentat fil-11 ta’ April, 2000, u mahluf fl-udjenza tal-22 ta’ Gunju, 2000;

Rat ir-rapport tal-perit mediku Mr Charles Grixti li gie minnu pprezentat fit-3 ta’ Gunju, 1999, u mahluf fis-27 ta’ Gunju, 2002;

Rat it-talba tas-socjeta’ konvenuta maghmula b’nota tas-26 ta’ Gunju, 2000, ghan-nomina ta’ periti addizzjonali, liema talba giet irtirata fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar, 2003;

Rat it-talba tal-attur maghmula b’nota tal-4 ta’ Awissu, 2000, ghan-nomina ta’ periti addizzjonali;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar, 2003, li in forza tieghu laqghet it-talba tal-attur ghal hatra ta' periti addizzjonali, u hatret lil Dr Joseph M. Buttigieg, lil Mr Charles Sciberras, u lil Mr Raymond Gatt biex jirrenedu r-rapporti gudizzjarji;

Rat ir-rapport ipprezentat mill-periti perizjuri fis-17 ta' Frar, 2004, u minnhom mahluf fil-21 ta' Mejju, 2004, fid-29 ta' Marzu, 2004, u fl-1 ta' April, 2004, rispettivament;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti gudizzjarji;

Rat it-traskrizzjonijiet tal-provi mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur f'din il-kawza kien jahdem mal-kumpanija Kalaxlokk Company Limited u qed jaghmel din il-kawza ghal-kumpens ghad-danni li sofra f'zewg incidenti fuq il-post tax-xoghol li b'rizultat taghhom qed jallega li sofra danni personali. L-ewwel incident sehh fl-1991 meta kien qed jisboh logg ta' bieb fil-bini tal-kumpanija konvenuta; hu kien qed jaghmel dan ix-xoghol minn fuq sellun, u f'mument minnhom, is-sellun izzerzaq bih u l-attur waqa' gholi ta' madwar hdax-il filata. L-attur kien kiser il-*"galletta"* ta' rkoptu, u ghalkemmipprova jirrimedja ghall-hsara b'*physiotherapy,* huwa kellu jaghmel operazzjoni fil-*cartilage*, b'mod li l-hsara giet, ftit jew wisq, irrangata, izda l-attur baqa' jhoss ugiegh fl-irkoppa u din, xi kultant, tillokja.

Tlett xhur wara li dahal lura ghax-xoghol wara dan l-incident, u precizament f'Marzu tal-1992, l-attur kien involut f'incident iehor. Hu kien inkarigat jigbed l-ilma

minn giebja biex haddiema ohra jkunu jistghu jaghmlu t-tajn. Din il-giebja kienet xi hdax-il fillata l-isfel mill-art, u, ghalhekk, biex tigbed l-ilma il-haddiem kellu jew jigbed l-ilma minn fuq l-art go barmil marbut bil-habel, jew hu stess jinzel ghal hdejn l-ilma u jigbed l-ilma direttament go barmil. Biex tinzel ghal hdejn l-ilma, wiehed ikollu jinzel minn tarag maghmul minn blokki tal-konkos mdahhlin gol-hajt. L-attur kien jinzel ghal ilma billi jinzel minn dan it-tarag sa hdejn wicc l-ilma. Dakinhar tal-incident, kien jinzel jigbed l-ilma bil-barmil f'idejh, u kif kien niezel, l-ewwel targa cediet bih u waqa' go l-ilma. Waqt li kien niezel, habat il-parti t'isfel ta' daru mal-gebel li kien jisporgi mill-hajt. Jirrizulta li l-attur kellu bicca mill-ghadma ta' taht ix-xewka ta' daru maqsuma. Eventwalment, wara dan l-incident, l-attur safa' *"imkecci"* mix-xoghol.

Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza lokali li huwa obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi ghall-impjegati tieghu *"a safe system of work"*; sid il-haddiem ghandu l-obbligu li jipprovdi dejjem ghall-harsien ta' sahhet u l-inkolumita' tal-impjegati tieghu f'kull hin. Is-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Cini vs Wells", deciza fid-29 ta' Mejju, 2001, min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu. Intqal ukoll minn din il-Qorti fil-kawza "Cini vs Caccopardo noe", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1999, li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem.

Fil-kawza "Grech vs Farrugia noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994, gie ikkonfermat il-principju li min ihaddem irid jahseb ukoll ghal kaz li l-haddiem ikun traskurat jew negligenti waqt ix-xoghol, u jrid jikawtela anke kontra agir rizultat ta' dan, ghax hafna drabi dik l-aljenazzjoni tkun indotta mill-istess attivita' industrijali.

Ir-responsabbilita' ta' *employer* ghad-danni sofferti mill-impjegati tieghu fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet taghhom, giet rikonoxxuta mill-Qrati taghna anke fejn gie ritenut li *"atmosfera ta' ghagla u genn"*, mhux tort tal-kumpanija li thaddem in-nies, ikkontribwiet ghall-incident. Fil-kawza "Zammit vs Aquilina", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Frar, 1995, gie osservat illi:

*"Huwa inutili ghall-kumpannija, li tissottmetti illi din l-atmosfera:*

*ma kinitx maghmula min-naha tas-socjeta' konvenuta imma mill-Perit Dom Mintoff li tant bezza lill-attur u shabu li dawn bdew jahdmu bl-ghagla minghajr ma fethu halqhom u jghidu li ma kienx possibbli li jaghmlu dak li qalilhom...*

*Ghaliex anke ghal dawn l-interventi tal-Perit Dom Mintoff kienet il-kumpanija l-persuna responsabbli u kienet hi li mhux biss kellha tiftah halqha imma kellha tiehu l-mizuri necessarji biex dawk l-interventi ma jsirux jekk dawk kienu interventi nocivi. Hija verament pretesjoni meskina din tal-kumpanija li tippretendi li kien l-attur li missu waqqaf l-interventi tal-Perit Mintoff".*

Mehud *in* konsiderazzjoni dawn il-principji, din il-Qorti hi propensa li taqbel mal-perit legali addizzjonali, u tqies li l-attur m'ghandu jbati ebda parti mir-responsabilita' ghall-incident li sehh f'Marzu tal-1992. Mhux obbligu tal-haddiem li jitlob lil min ihaddem jipprovdih b'mezzi ahjar biex ikun jista' jaqdi dmirijietu, izda hu obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi hu ambjent u makkinarju sikur. F'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta, kellha dmir tipprovdi sistema ta' *pulleys* biex il-haddiema jkunu jistghu jtellghu ilma mill-gibjun bla sforz kbir u b'anqas periklu ghalihom. Kieku l-kumpanija konvenuta tghallmet ftit mill-Moviment tal-*Scouts* kienet tkun taf kif, b'mod l-aktar semplici u bi ftit oggetti, tohloq *pulley* ghall-gbir ta' l-ilma minn gibjun, u bi ftit aktar spiza, kien ikun facli ghaliha li tibni *pulley* sod u b'materjal aktar rezistenti. Il-kumpanija konvenuta, *pero'*, provdiet biss barmil u habel u kienet tippretendi li l-haddiema jigbru l-ilma bil-piz kollu mixhut fuq darhom!.

It-tarag li kien hemm mal-hajt tal-gibjun la kellu poggaman, la kellu lqugh u lanqas kien provdut b'materjal *anti-slip*, u dan avvolja l-haddiem kien mistenni li juza dan it-tarag ghal gbir tal-ilma u, ovvjament, b'rizultat ta' dan, ixxarrab l-istess tarag. Il-haddiem thalla f'idejh biex jaghzel hu b'liema mod kellu jtella l-ilma, u ma kellux supervizzjoni adegwata, u, fuq kollox, iz-zewg alternattivi mpoggija ghall-ghazla tal-haddiem, it-tnejn kienu perikoluzi ghas-sahha tal-haddiem.

Jirrizulta wkoll li targa wahda mal-gibjun kienet ticcaqlaq. Is-socjeta' konvenuta ma kellhiex tippretendi li l-haddiema jghidulha b'dan, imma hu dover taghha li regolarment ticcekkja l-magni w l-post fejn jahdmu l-haddiema sabiex tikawtela kontra kull gwast li facli jinqala' bl-uzu regolari mill-haddiema.

Ghalkemm, is-socjeta' konvenuta tallega li fil-vicinanzi kien hemm vit tal-ilma, minn fejn il-haddiema kellhom jiehdu l-ilma, dan il-fatt mhux biss gie michud mill-attur u shabu li xehedu (u l-ewwel perit legali li ghamlet access fuq is-sit innotat li ma giex indikat lilha ebda vit), izda jirrizulta wkoll li, bhala fatt, l-attur u shabu kienu regolarment jigbru l-ilma mill-gibjun, u s-socjeta' konvenuta, li zgur kienet taf jew kellha tkun taf b'dan, la hadet passi biex twaqqaf lill-haddiema milli jiehdu ilma mill-gibjun, u lanqas ma hadet passi biex taghmel dan l-agir *"safe"* ghall-haddiema taghha.

*Kwindi,* din il-Qorti, thoss, li ghal dan l-incident tahti biss is-socjeta' konvenuta.

Dwar l-incident precedenti li allegatament sehh f'Settembru tal-1991, din il-Qorti taqbel mal-periti legali li l-attur ma rnexxielux jipprova dak minnu allegat, u *cioe'*, li fil-jum minnu ndikat, hu kien wegga waqt li kien fuq il-lant tax-xoghol. Il-Qorti trid bilfors tqies dak li hu allegat fic-citazzjoni; kif osserva l-gurista Ricci fit-trattat *"Commento al Codice di Procedura Civile"*, Vol II, *pagna* 366,

*“perche il magistrato esaurisca la questione a lui sottoposta deve tenersi strettamente entro i limiti della controversia della lite; il che non solo importa che il magistrato deve occuparsi di tutte le domande o eccezzioni, ma esige altresi che egli non tratti questioni estranee a quelle che le parti intesero di sollevare e deferire al suo giudizio”.*

Ghar-rigward tad-danni, il-Qorti ezaminat ir-risposti tal-esperti medici li taw ghal kweziti specifici li ghamilhom il-perit legali addizzjonali, u minn dawn ir-risposti jidher car li l-*injury* li ghandu llum l-attur hi konsegwenza ta’ l-incident li kellu f’Marzu tal-1992. Fil-process ma hemmx prova li l-attur kellu xi incident iehor li kien jinvolvi daru, u tenut kont tal-provi prodotti u tal-konkluzzjonijiet u twegibiet tal-periti medici addizzjonali, din il-Qorti tikkonkludi illi jirrizulta sofisfacentement illi d-dizabilita’ permanenti ta’ 5% li l-attur qed isofri minnha illum, hi konsegwenza diretta ta’ l-incident li kellu f’Marzu, 1992, fil-hin tax-xoghol u fil-qadi ta’ dmirijietu.

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, jidher li meta sehh l-incident l-attur kellu 38 sena billi twieled fl-4 ta’ Gunju, 1953. Il-perit legali addizzjonali adotta *multiplier* ta’ 23; din il-Qorti, *pero’*, ma taqbilx ma dan ghax ma jidhirx li ttiehdu *in* konsiderazzjoni c-*chances and changes of life*. Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Bugeja vs Agius”, deciza fis-26 ta’ Lulju, 1991,

*“Fi kliem iehor is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b’sahhtu hu mistenni li jibqa’ jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta’ tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehed numru ta’ “years purchase” li hu l-“multiplier” u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma”.*

Dan il-principju gie konfermat ricentement mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Caruana vs Camilleri”, deciza fis-27 ta’ Frar, 2004, li ghal kaz ta’ persuna li kellha 30 sena meta sehh l-incident, addottat *multiplier* ta’ 25.

*Kwindi*, ghal kaz *in* ezami, din il-Qorti thoss li ghandha tadotta *multiplier* ta’ 18.

Dwar id-dhul tal-attur, mid-dokument mahrug mill-ufficcju tat-Taxxi Interni, esebit mill-attur, jidher li d-dhul tieghu ghas-sena bazi 1992 (*Year of assessment* 1993) kien ta’ Lm2338.74. Jekk wiehed jiehu *in* konsiderazzjoni zidiet fil-paga u fatturi ohra li jistghu jwasslu ghal zieda fid-dhul tal-attur, din il-Qorti tasal biex taqbel mal-perit legali addizzjonali li ha bhala bazi tal-qliegh annwali tal-attur is-somma ta’ Lm3350, mil-liema somma m’ghandha issir ebda tnaqqis, la minhabba hlasijiet tal-*Income Tax* (ara “Muscat vs Schembri”, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 1972, fejn gie osservat u ntqal li *“l-Income tax li seta’ hallas id-de cujius, ossia d-danneggjat, hija affari ta’ bejnu u bejn il-Gvern li fiha l-obbligat ma jidholx”*), u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-PAYE jew ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ nazzjonali (ara “Caruana vs Farrugia”, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta’ Novembru, 1983).

Ghaldaqstant, il-kumpens dovut lill-attur ghandu jinhadem hekk:

Lm3350 x 18 x 5% = Lm3015

Peress li l-incident *in* kwistjoni sehh fl-1992, din il-Qorti sejra taghmel tnaqqas ta’ 8% biss minhabba l-*lump sum payment.*

B’hekk, id-danni sofferti mill-attur, li ghalihom hi responsabbli s-socjeta’ konvenuta, jammontaw ghal Lm2774.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ *in parte* t-talbiet tal-attur, issib lis-socjeta’ konvenuta unikament responsabbli ta’ l-incident li sehh fis-26 ta’ Marzu, 1992, li fih korra l-attur, u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur *in linea* ta’ danni s-somma ta’

Lm2774 (elfejn, seba' mija u erba' u sebghin lira Maltin), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------